**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 25 ta' Novembru 2019**

**Rikors Numru : 76/2019 JPG**

**Kawza Numru : 23**

**MA**
**U**
**RS**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors konġunt ta' MA u RS, datat 11 ta' Frar 2019 , a fol 1 et seq, li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet iżewwġu fl-1 ta' Ġunju 2012 skond l-anness ċertifikat taż-żwieġ immarkat bħala Dokument A, u minn dan iż-żwieġ ma twieldux ulied;*

*Illi l-partijiet huma legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Mario Bugeja datat 25 ta' April 2013, kopja ta' dan il-kuntratt qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dokument B;*

*Illi ma jeżisti ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet, stante li minbarra t-trapass taż-żmien minn meta l-partijiet ilhom separati, illum il-ġurnata huma għandhom ħajja totalment separata u distinta minn xulxin;*

*Illi rigward manteniment, il-partijiet jiddikjaraw li ma teżisti l-ebda pretensjoni u pendenza dwar dan;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq ċitati jissodisfaw il-kondizzjonijiet meħtieġa għal otteniment tad-divorzju ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Għaldaqstant in vista tal-premess, il-partijiet umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet;*
2. *Tordna lid-Direttur tal-Qrati sabiex fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bl-eventwali divorzju, u dan sabiex jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, id-digriet u tal-avviż tas-smiegħ ġew debitament notifikati skond il-liġi;

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kawża;

Rat l-Artikoli 66 A, 66 B u 66 C tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat** :

MA xehed bil-ġurament (fol 12) li huwa żżewweġ lil Rachel Schembri fl-1 ta' Ġunju 2012, u li minn dak iż-żwieġ ma twieldux tfal. Illi huma ffirmaw kuntratt ta' separazzjoni fil-25 ta' April 2013 (fol 4). Xehed illi minn dik id-data tal-kuntratt ta' separazzjoni personali ma kienx hemm rikonċiljazzjoni, u li ma teżisti l-ebda tama ta' rikonċiljazzjoni. Illi ma hemm l-ebda manteniment dovut.

RC xehdet bil-ġurament (fol 13) u ikkonfermat dak x-xhied ta' MA.

**Ikkonsidrat**:

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-1 ta' Ġunju 2012 (Vide Dok A fol 2) u li minn dan iz-zwieg huma ma kellhomx tfal;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Mario Bugeja, datat 25 ta' April 2013 (vide Dok. B fol 4 et seq.) u għalhekk ilhom legalment separati għal aktar mill-erba' snin li trid il-liġi.

Jirriżulta ukoll illi m'hemm ebda manteniment dovut bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre illi ġie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet.

Għalhekk jirriżulta illi r-rikorrenti rnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha meħtieġa mil-liġi sabiex iż-żwieġ jiġi maħlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' it-talbiet, tippronunza il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien xahar mil-llum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**